# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru**

**Rikors Numru 813/08 JRM**

**Burmarrad Commercials Limited**

**v.**

**Michael Bugeja u Auto Sales Limted (C-491)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjeta` attriċi li ppreżentat fit-8 ta' Awwissu, 2008, u li jaqra hekk:

"1. Illi fid-19 ta' Frar 2007 ir-rikorrenti xtrat u akkwistat minghand l-intimat Michael Bugeja vettura tat-tip Mercedes Benz SL 55 AMG convertible bin-numr ta' registrazzjoni BBR 561 (gia` numri ta' registrazzjoni BIL 055 u BILOM), (skond kif jirrizulta mill-Invoice relattiva hawn annessa w ezebita u mmarkata bhala Dok. A);

"2. Illi l-akkwist sar principalment sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jkollha l-uzu u t-tgawdija ta' vettura patikolari illi ma hawnx hafna bhala fis-suq izda in segwitu ghall-akkwist l-imsemmija vettura irrizultat illi ma kenitx tal-kwalita` pattwita u tali stat ta' fatt gab fix-xejn l-iskop tal-akkwist innifsu u kif ukoll gab fix-xejn l-iskop tal-akkwist innifsu u kif ukoll gab fix-xejn il-valur taghha u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Illi di piu` fil-mument illi tali stat ta' fatt gie evidenzjat il-vettura jidher kienet ghadha koperta bil-garanzija u din giet ukoll ispezzjonata diversi drabi mill-istaff tekniku tas-socjeta` intimata Auto Sales Limited, fejn giet stabbilita l-prezenza ta' sadid mifrux mal-karozzerija tal-vettura;

"4. Illi tali stat ta' fatt ta' sadid ma huwiex wiehed lokalizzat tali illi jkun jista' jigi rizolt bil-bidla ta' xi part jew parts, u kif jista'jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-uniku soluzzjoni soddisfacenti possibbli tkun semai illi l-vettura tigi rimpjazzata b'ohra li tkun propjament tal-kwalita` originarjament pattwita;

"5. Illi ghandu jirrizulta ghalhekk li hemm lok ukoll illi s-socjeta` Auto Sales Limited tigi citata fl-azzjoni prezenti. Din is-socjeta` intimata effettivament, wara illi giet interpellata u wara li spezzjonat il-vettura de quo, filwaqt illi rrikonoxxiet l-istat ta' fatt ezistenti, kjarament minhabba l-entita` tal-istess irrifjutat illi tissostitwixxi l-vettura b'vettura ohra ta' l-istess tip u mudell u offriet biss illi tbiddel xi parts li setghu jinbidlu;

"6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha d-dritt illi titlob illi terga lura mill-kuntratt ta' xiri tal-vettura de quo ai termini tal-Artikoli 1390 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi tirritorna l-imsemmija vettura lill-intimat Michael Bugeja li ghandu jrodd lura s-somma kollha illi s-socjeta` rikorrenti hallset ghal dan l-akkwist u li tmexxi wkoll ghal spejjez u danni minnha nkorsi u sofferti konsegwenzjalment ghal fuq premess;

"7. Illi minghajr pregudizzju ghal premess jirrizulta wkoll illi l-vettura de quo kienet affettwata minn difett mohbi, konsistenti f'sadid mohbi u li rrizulta li kien mifrux b'mod estensiv, ukoll sal-pjanci tal-vettura, b'dan illi fil kundizzjoni prezenti il-vettura de quo ma tista' bl-ebda mod tigi utilizzata ghall-iskopijiet li ghalihom giet akkwistata u b'dan illi r-rikorrenti ma kenitx certament tghaddi ghall-akkwist relattiv kieku kienet taf jew setghet tintebah b'tali difett;

"8. Illi ghalhekk ukoll separatament ghall-premess hemm lok ghal talba ta' rexxissjoni tal-bejgh de quo abbazi tal-Artikolu 1424 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tad-Direttiva Numru 1999/44/EC tal-Unjoni Ewropea;

"Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgh fuq imsemmi konkluz bejn ir-rikorrenti u Michael Bugeja ghall-akkwist tal-vettura fuq imsemmija, minhabba r-ragunijiet fuq premessi, bir-restituzzjoni tal-istatus quo ante bejn l-istess partijiet kontraenti;

"2. Tikkundannahom jew min minnhom sabiex ihallsu u jirrifondu lis-socjeta` rikorrenti l-ispejjez kollha minnha sborsati kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan ai termini tal-Artikolu 1404 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"3. Previa d-dikjarazzjoni illi l-intimati jew min minnhom kienu jafu jew kellhom ikunu jafu bid-difetti fil-vettura in kwistjoni, tillikwida occorendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tal-fatti relattivi ghall-bejgh kif fuq premess;

"4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' danni hekk likwidati;

"Bl-ispejjez u interessi legali skond il-ligi, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa ppreżentata mis-soċjeta` konvenuta Auto Sales Ltd. li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi t-talbiet tas-soċjeta` attriċi fil-konfront ta' Auro Sales Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` Auto Sales Limited ma kenitx parti fix-xiri msemmi fl-ewwel talba tas-socjeta` attrici u ghalhekk ma tistax tirrispondi ghal din it-talba u din it-talba ghandha tigi michuda fil-konfront ta' Auto Sales Limited. Illi s-socjeta` Auto Sales Limited mhix il-legittimu kontradittur.

"2. Illi dwar it-tieni talba s-socjeta` Auto Sales Limited ma tistax tirrifondi ebda ammont lis-socjeta` rikorrenti ghaliex ma rceviet ebda ammont minn ghand is-socjeta` attrici u ghalhekk ma tista' tirrifondi ebda ammont. Illi Auto Sales Limited ma bieghet xejn lis-socjeta` attrici u ghalhekk mhix tenuta li thallas xejn ai termini tal-Artikolu 1404 tal-kodici Civili.

“3. Illi dwar it-tielet talba tas-socjeta` attrici, assolutament mhux minnu li s-socjeta` Auto Sales Limited kienet taf b’xi difetti fil-vettura in kwistjoni fil-mument li Auto Sales Limited bieghet il-vettura.

“4. Illi s-socjeta` Auto Sales Limited ma ghandha thallas ebda danni lis-socjeta` rikorrenti.

“5. Illi huwa minnu li s-socjeta` Auto Sales Limited kienet rat il-vettura in kwistjoni u dan minghajr pregudizzju. Illi s-socjeta` Auto Sales Limited ma taccettax li l-vettura, fil-mument tal-bejgh bejn Auto Sales Limited u Michael Bugeja ma kienitx tal-kwalita` pattwita.

“6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost Auto Sales tichad li d-difett ma jistax jigi rizolt b’xoghol skond is-sengha u xoghol professjonali.

“7. Illi minghajr pregudizzju s-socjeta` attrici trid tiddeciedi jekk qieghda titlob li terga lura mill-kuntratt ta’ xiri de quo ai termini tal-artikolu 1390 et seq tal-Kap 16 jew titlob rexxissjoni tal-bejgh abbazi tal-artikolu 1424 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tad-direttiva 1999/44 EC tal-Unjoni Ewropea.

“8. Illi b’referenza ghal paragrafu tlieta (3) tar-rikors guramentat, bhala fatt meta l-vettura ingiebet ghand Auto Sales Limited ma kenitx ghadha koperta bil-garanzija.

“9. Illi l-esponent huwa awtorizzat jiddikjara kif fuq espost u jaf dawn il-fatti mid-dokumenti.”

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Michael Bugeja li in forza tagħha eċċepixxa illi:

“1. Peliminarjament, in-nullita` tar-Rikors Guramentat promotur a tenur tal-paragrafi (c) u/jew (d) tal-Artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi s-soċjeta` attrici, expressis verbis, qieghda tippromwovi fl-istess kawza zewg azzjonijiet li huma distinti minn u mhux konfondibbli ma’ xulxin, u cioe` l-azzjoni a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 u l-azzjoni a tenur tal-artikolu 1424 tl-Kap. 16, u dan bi vjolazzjoni tal-principju kardinali *electa una via non datum recufsus ad alteram.*

“2. Preliminarjament ukoll, u konsegwenzjalment ghas-sueccepit, ir-Rikors Guramentat promotur huwa wkoll null u bla effett stante illi ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Illi dawn in-nuqqasijiet fir-Rikors Guramentat mhumiex sanabbli skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 173 u/jew 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta [*vide* sentenz fl-ismijiet ‘Angel Fenech et -vs- Pawlu Grech et’ (Citaz. 2627/00JRM deciza fl-24 ta’ Settembru, 2001 li ghaddiet in gudikat].

“4. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt tal-bejgh a bazi tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili mhix disponibbli ghas-socjeta` attrici fic-cirkostanzi ottenenti ghall-kaz odjern stante li l-istess socjeta` attrici effettivament accettat il-konsenja tal-vettura lilha mibjugha.

“5. Preliminarjament ukoll, it-talbiet attrici ghal-likwidazzjoni u l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni huma legalment insostenibbli fil-qafas t’azzjoni a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta in vista tal-fatt li s-socjeta` attrici baqghet izzomm fil-pussess taghha l-vettura *de quo agitur* u naqset milli jew tirritornaha lir-rispondent jew li tiddepozitaha that l-Awtorita` tal-Qorti [*vide, inter alia,* is-sentenzi fl-ismijiet ‘Attard Brothers vs Direttur tal-Edukazzjoni” (App. Inf. – 04.11.1992); ‘Degiorgio vs Cole’ (PAQC – 16.10.1996; ‘Abela noe vs Cutajar’ (PAQC – 06.02.1998);u ‘Schembri noe vs Abela’ (PAQC – 27.07.2000)].

“6. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni taht l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili hija azzjoni *ex contractu* li tiddefendi lill-kumratur ghall-inosservanza tal-obbligi kontrattwali kontra l-konsenja ta’ oggett divers fil-kwalita` minn dak promess lilu u ghalhekk hija esperibbli biss meta l-oggett mibjugh ikun nieqes minn xi kwalita` intrinsika tieghu u mhux meta jkun semplicement affett minn difetti u cioe` meta l-kwalita` tal-oggett konsenjat tkun diversa minn dik tal-oggett mibjugh b’mod li ma tkunx tikkorrispondi ghall-generu tal-oggett kuntrattat, u hekk il-konsenja tkun konsenja ta’ ‘*aliud pro alio*’ mentri dan certament li mhux il-kaz fil-kawza odjerna kif jirrizulta wkoll mill-istess premessi citattivi.

“7. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vettura mibjugha u konsenjata mir-rispondent lis-socjeta` attrici haj tal-kwalita` pattwita u jekk, *dato ma non concesso,* fiha d-difetti deskritti fil-premessi citattivi (i) fl-ewwel lok dawn huma difetti li bl-uzu tad-diligenza normali s-socjeta` attrici setghet tintebah bihom; u (ii) f’kull kaz, tali difetti ma jirrendux il-vettura mibjugha u kkonsenjata mir-rispondent lis-socjeta` attrici oggett divers minn dak pattwit.

“8. Illi wkoll, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, f’kull kaz ghat-talbiet attrici ghandha tirispondi s-socjeta`

konvenuta l-ohra Auto sales Limited illi hija l-agenta f'Malta ghall-bejgh tal-vetturi mertu ta' din il-kawza u mhux ir-rispondent li certament li ma jahti bl-ebda mod ghal kwalisiasi difett lamentat li jista' talvolta jkollha din il-vettura.

"9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti skond il-ligi."

Rat li l-ewwel Qorti ħalliet il-kawża għal sentenza preliminari fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenut Bugeja u fuq is-seba' eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2012, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"**Tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Michael Buġeja u s-seba' eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka, u ssib li r-Rikors Maħluf imressaq mill-kumpannija attriċi huwa milqut b'nullita' għall-finijiet tal-artikoli 156(1)(a) u 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba li l-azzjoni kif magħmula hija ġabra ta' azzjonijiet li ma joqogħdux ma' xulxin;

"**Tastjeni** milli tqis ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-istess imħarrek Buġeja, fid-dawl tal-fehma milħuqa dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tiegħu; u

"**Teħles** lill-imħarrkin milli jibqgħu fil-ġudizzju, bi **spejjeż** għall-kumpannija attriċi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kuntratt ta' bejgħ ta' karozza. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-karozza li hija xtrat mingħand l-imħarrek ma kenitx tal-kwalita' miftehma, u, minbarra dan, kienet milquta minn difett moħbi. Tgħid li kemm l-imħarrek u kif ukoll il-kumpannija mħarrka kienu jafu jew messhom kienu jafu bl-imsemmi difett moħbi u għalhekk,

minbarra li trid lura l-prezz li ħallset, trid ukoll titħallas kumpens għad-danni li ġarrbet;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li ma kienet imdaħħla bl-ebda mod fix-xiri mertu tal-każ u m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u li, f'kull każ, il-kumpannija attriċi trid tiddeċiedi jekk tridx titlob li toħroġ mill-kuntratt skond l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili jew titlobx it-tħassir tal-kuntratt taħt l-artikolu 1424 tal-istess Kodiċi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ma tista' trodd l-ebda somma lill-kumpannija attriċi għaliex hi ma rċeviet l-ebda ħlas mingħandha. Ċaħdet li kien hemm xi difetti moħbija fil-karozza li kienet taf bihom u għalhekk ma għandhiex tagħmel tajjeb għal xi danni pretiżi mill-kumpannija attriċi. Żiedet tgħid li m'hux il-każ li l-karozza mibjugħa ma kenitx tal-kwalita' miftehma. U temmet tgħid li l-karozza ma fiha xejn li ma jistax jissewwa b'xogħol magħmul bis-sengħa u l-ħila;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Buġeja laqa' billi b'mod preliminari, qal li (i) l-azzjoni hija milquta min-nullita' taħt l-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma tistax titressaq f'azzjoni waħda talba kemm taħt l-artikolu 1390 u kemm taħt l-artikolu 1424 tal-Kodiċi Ċivili fl-istess nifs; (ii) għall-istess raġuni, hemm nullita' wkoll skond l-artikolu 156(1)(a) tal-imsemmi Kap 12; (iii) li l-istess nuqqasijiet ma jistgħux jitneħħew bi bdil fl-atti taħt l-artikolu 173 jew 175 tal-Kap 12; (iv) li l-kumpannija attriċi ma tistax tinqeda bir-rimedju tat-tħassir tal-kuntratt taħt l-artikolu 1390 ladarba aċċettat il-konsenja tal-vettura minnha mixtrija; (v) lanqas ma tista' titlob il-ħlas tad-danni ladarba ma radditlux lura l-vettura jew ma iddepożitathiex taħt l-awtorita' tal-Qorti; u (vi) li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tgħodd biss fejn il-ħaġa mibjugħa tkun milquta minn nuqqas ta' xi ħaġa intrinsika minnu, u mhux meta dik il-ħaġa tkun milquta minn xi difett. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex jekk hu minnu li l-karozza fiha difetti, dawn ma kenux moħbija u l-kumpannija attriċi setgħet tintebah bihom b'għaqal normali, u f'kull każ, jekk kien hemm nuqqasijiet, dawn ma kinux tali li jagħmlu l-vettura mhix tajba għall-użu li għalih inxtrat. Temm jgħid li, f'kull każ, għall-ilmenti tal-kumpannija attriċi trid twieġeb il-kumpannija l-oħra mħarrka li hija l-aġent f'Malta tal-għamla ta' vetturi li kienet is-suġġett tal-kuntratt tal-bejgħ;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel erba' (4) eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek Buġeja u s-seba' (7) eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka li lkoll jitkellmu dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

Illi bħala <u>fatti li jirrigwardaw il-każ</u> joħroġ li fid-19 ta' Frar, 2007, il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "BCL") kisbet mingħand l-imħarrek żewġ vetturi – waħda tal-għamla *Mercedes Benz SL55 AMG* (dak iż-żmien reġistrata BILOM) għal Lm 93,000, u l-oħra tal-għamla

*Toyota Starlet* (reġistrata LCF 953) għal Lm 2,000. BCL ħallset il-prezz kollu taż-żewġ vetturi dak inhar[1]. Wara xi żmien, wieħed mill-uffiċjali ta' BCL inzerta kien qed jaħsel il-vettura *Mercedes* u ntebah li kien hemm xi dbabar ta' sadid fuq ġewwa. Hija tkellmet minnufih mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "ASL"). Il-*Mercedes* kien xtraha Buġeja mingħand ASL f'Awissu tal-2004[2];

Illi din il-kawża, li nfetħet f'Awissu tal-2008, tirrigwarda l-vettura tal-għamla *Mercedes*;

Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet taħt eżami, il-konsiderazzjonijiet legali li l-Qorti trid tagħmel iduru kollha mal-fatt li BCL qiegħda titlob aktar minn rimedju wieħed taħt dispożizzjonijiet differenti tal-liġi f'azzjoni waħda;

Illi l-Qorti tirrileva, qabel xejn, li t-talbiet kollha ta' BCL huma kumulativi, jiġifieri huma magħmulin b'mod li jistennew li, ladarba jkun ippruvat dak illi huwa allegat fil-premessi tar-Rikors Maħluf, il-Qorti tilqagħhom kollha. Huwa sewwasew dan l-element li jwassal lill-imħarrkin iqanqlu l-kwestjoni tan-nullita' tal-istess att ġudizzjarju promotur ta' BCL. Huma jisħqu li din il-ġabra ta' talbiet hija magħmula minn taħlita ta' azzjonijiet differenti mogħtija mil-liġi lil xerrej, iżda li ma joqogħdux flimkien u li x-xerrej ma jistax jitlobhom flimkien. B'dan il-mod, minbarra li b'dak li għamlet BCL kisret il-ħtieġa tal-kjarezza tal-azzjoni kif mitluba fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġabitilhom ukoll preġudizzju biex jistgħu jiddefendu rwieħhom mill-istess azzjoni għaliex ma joħroġx ċar x'inhu sewwa li BCL trid. Dan iġib ksur tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kap 12, liema ksur ma jistax jissewwa billi jsir bdil fl-atti tar-Rikors Maħluf;

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[3], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[4];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ

[1] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[2] Affidavit ta' Mario Gauċi f'paġ. 15 tal-proċess
[3] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[4] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

f'tat-tieni[5]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[6];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[7];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[8] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[9];

Illi fil-każ preżenti, kif ingħad, l-imħarrkin jisħqu li n-nullita' tar-Rikors Maħluf ta' BCL ġejja mil-fatt li hija kellha tagħżel bejn talba (azzjoni) u oħra tal-allegazzjoni tagħha u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux torbothom flimkien u titlobhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-għaref difensur tal-imħarrek, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullita' tal-att promotur ta' kawża fuq **il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[10]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[11]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-

---

[5] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju

[6] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)

[7] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

[8] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);

[9] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***

[10] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**)

[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi issa xieraq li wieħed jara jekk tinħoloqx nullita' fejn żewġ talbiet ġuridikament distinti jitressqu f'kawża waħda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qiegħed jinkiser dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 156 (1)(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[12]. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża[13];

Illi jrid jingħad li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' xiri-u-bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212, 1424, jew 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq basi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' ħaġa li jingħad li ma tkunx tal-kwalita' miftehma (art. 1390 tal-Kap 16). Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iżda, wisq iżjed sinjifikativament, mill-għamla u l-grad ta' provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni l-waħda jew l-oħra[14];

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[15]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarita' essenzjali" u mhux partikolarita' kwalsijasi. Biex partikolarita' f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[16];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: *". . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex*

[12] App. Ċiv. **12.5.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***M. Attard noe vs R. Galea*** (mhix pubblikata)
[13] App. Ċiv **30.3.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Ray. Bezzina vs Anthony. Galea*** (mhix pubblikata)
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv.**4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Aveta noe vs Gatt*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1274**)
[15] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[16] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***

*inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .* "[17];

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, huwa stabilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma' waħda petitorja[18], jew li l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess (l-"*actio spolii*") ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-żamma fil-pussess (l-"*actio manutentionis*") u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji[19];

Illi waqt it-trattazzjoni tiegħu tal-imsemmija eċċezzjonijiet, l-għaref difensur ta' BCL seħaq li l-azzjoni attriċi tinbena biss fuq dak li jinsab fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili u mhux fuq l-azzjoni redibitorja magħmula taħt il-garanziji. Minbarra dan, huwa semma deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta[20] fejn il-Qorti qatgħet il-kawża xorta waħda minkejja li l-ewwel talba attriċi kienet titkellem fuq azzjoni dwar nuqqas ta' kwalita' miftehma minħabba prodott mibjugħ li kien milqut b'difett. Minbarra dan, qal ukoll li r-rimedji mitluba minn BCL f'din il-kawża joqogħdu kemm taħt azzjoni dwar nuqqas ta' kwalita' miftehma u kif ukoll taħt azzjoni dwar il-garanziji dwar difetti moħbi u għalhekk setgħu dejjem jintalbu xorta waħda;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, minkejja dak li iddikjara d-difensur ta' BCL, l-azzjoni tal-lum fiha tismija speċifika għal żewġ għamliet ta' ilmenti (u għalhekk żewġ suriet ta' azzjoni) li jista' jqajjem ix-xerrej kontra l-bejjiegħ. Dan jidher minħabba li BCL issemmi espressament dispożizzjonjiet tal-liġi li jaqgħu taħt oqsma differenti tal-Kodiċi dwar ir-rimedji mogħtija lix-xerrej. Fit-tieni lok, it-tixbiha mas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti ma tistax issir, għaliex f'dik il-kawża – għall-kuntrarju ta' dak li ġara f'din – kien hemm talba waħda ewlenija u kulma għamlet il-Qorti kien li siltet in-natura tal-azzjoni li fuqha kienet mibnija dik it-talba (u bla ma kienet tqajmet il-kwestjoni tan-nullita' tal-att promotur). Fit-tielet lok, f'din il-kawża tallum, BCL ressqet talbiet kumulativi (u mhux alternativi) li fihom jinsabu elementi apparenti taż-żewġ suriet ta' azzjoni u li l-istess azzjonijiet qegħdin jitmexxew f'nifs wieħed u f'daqqa. Fir-raba' lok, il-fatt li ż-żewġ suriet ta' azzjoni jipprospettaw

---

[17] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)
[18] App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.778**)
[19] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**) u App. Ċiv. **12.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Attard noe vs Raymond Galea*** (mhix pubblikata) (li titkellem dar azzjoni għal ħlas u azzjoni kambjarja)
[20] Ċitazz. Nru. 1676/00JRM fis-26.6.2003 (mhix appellata)

rimedji li jixxiebhu ma jibdilx il-fatt li, qabel ma jinkiseb ir-rimedju, jeħtieġ li jkun ippruvat il-każ u nstemgħu d-difiżi relattivi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li, minkejja x-xejriet x'aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista' jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa' dejjem il-fatt li l-liġi għadha tagħraf xi azzjonijiet li ma jistgħux joqogħdu flimkien. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi 'l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha. Hekk, fil-qasam tal-liġi tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, huwa miżmum li xerrej ma jistax imexxi 'l quddiem l-azzjoni redibitorja u estimatorja fl-istess nifs[21]. Daqstant ieħor il-qrati għarfu l-effetti u d-differenzi bejn azzjoni mibdija taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili u oħra mibdija taħt l-artikolu 1242 tal-istess Kodiċi[22];

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni kif imressqa u t-talbiet kif magħmula fihom ġabra ta' elementi li jagħmluha nieqsa minn partikolarita' essenzjali għaliex mibnija fuq premessi u talbiet li ma joqogħdux flimkien. Kontra x-xejra li din l-istess Qorti s-soltu tieħu li, safejn possibbli, att ġudizzjarju ssalvah, f'dan il-każ hija tal-fehma li tali kontradittorjeta' ma tistax titħalla bla ħsara għall-jedd ta' difiża tal-imħarrkin u taċ-ċertezza tal-aċċertamenti u kostatazzjonijiet li din il-Qorti jkollha tagħmel sakemm tasal għall-ġudizzju tagħha;

Illi din il-konsiderazzjoni hija biżżejjed biex isssejjes l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-imħarrek Buġeja u tindirizza s-seba' eċċezzjoni ta' ASL. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tidħol biex tqis ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-istess imħarrek Buġeja, billi ma jifdal l-ebda skop għal eżerċizzju bħal dan li huwa, f'dan il-waqt, purament akkademiku;

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi li in forza tiegħu għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

"… … … thassar u tirrevoka s-Sentenza appellata tal-31 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, u cioe` is-seba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Auto sales Ltd u l-ewwel erbgha eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Bugej, tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent, bl-ispejjez taz-zewg istanzi

[21] App. Inf. PS **24.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Baldacchino vs George Mifsud et***

[22] App. Ċiv. **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo noe vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.944**) (li kienet tirreferi għal liema żmien preskrittiv kienet suġġetta l-azzjoni mibdija mill-attur appellant)

> kontra l-konvenuti appellati, u tirrimetti l-Atti odjerni lura lill-Ewwel Onorabbli Qortii ghall-prosegwiment tal-kawza."

Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta Auto Sales Ltd. li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi;

Rat ir-risposta ta' Michael Buġeja li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta li l-appell interpost għandu jiġi sommarjment miċħud, bl-ispejjeż;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi s-soċjeta` attriċi tgħid li fl-2007 xtrat vettura tal-għamla Mercedes Benz SL li ma kenitx tal-kwalita` pattwita u kienet affettwata minn difett moħbi, u talbet li jitħassar il-bejgħ u li l-partijiet jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel ma sar il-kuntratt, u li titħallas id-danni. Il-konvenuti (b'mod aktar ċar Michael Buġeja) eċċepew in linea preliminari n-nullita` tal-azzjoni peress li ssottomettew illi mhux konċess lil xerrej fl-istess nifs iressaq azzjoni a bażi ta' nuqqas ta' kwalita` (Artikolu 1390 tal-Kodiċi

Ċivili) u wkoll a bażi ta' difett moħbi (Artikolu 1424 ibid). L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni relattiva wara li osservat li ż-żewġ azzjonijiet huma msejjsa fuq bażi għal kollox differenti u ma joqgħodux flimkien.

Is-soċjeta` attriċi appellat mis-sentenza u tilmenta li r-rikors maħluf kif propost ma jwassalx għan-nullita` tal-azzjoni tagħha, għax hu permess li xerrej jirreklama taħt iż-żewġ artikoli tal-liġi imsemmija.

Din il-Qorti tirrileva, qabel xejn, li fir-rikors maħluf tagħha, is-soċjeta` attriċi allegat kemm li l-vettura "*ma kenitx tal-kwalita` pattwita*", u, għalhekk, għandha dritt għar-rimedju ai terminu tal-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll li l-vettura kienet "*affettwata minn difett moħbi*" li jintitolaha separatament għar-rimedju taht l-Artikolu 1424 tal-istess Kodiċi Ċivili. Dan talbitu minħabba allegat nuqqas wieħed fil-vettura (viz, sadid mifrux b'mod estensiv), u hu ċar li għal dan l-allegat nuqqas, is-soċjeta` attriċi kien jehtiegilha taghzel ir-rimedju opportun.

Din il-Qorti tqis li l-azzjoni bażata fuq nuqqas ta' kwalita` hi ben diversa minn dik bażata fuq difett moħbi. Tal-ewwel tagħti dritt lix-xerrej jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, u t-tieni tagħti dritt lix-xerrej sabiex, wara l-konsenja, jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz; jista' jitlob danni, f'dan l-aħħar każ, jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difett. Iż-żewġ azzjonijiet jinħolqu minn sitwazzjonijiet differenti u huma inkompatibbli ma' xulxin.

Anke t-termini ta' preskrizzjoni huwa differenti: fil-waqt li tal-ewwel, l-azzjoni hi preskrivibbli wara sentejn mid-data tal-kuntratt, l-azzjoni redhibitoria f'każ ta' mobbli hija preskritta għeluq sitt xhur minn meta jinkixef id-difett. Huwa ċar li ż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jitressqu konfuzjonalment f'kawża waħda.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Morina Aquasport Ltd v. Eastern Star Ltd.**, deċiża fil-31 ta' Mejju 2012 u b'riferenza għall-ġurisprudenza anterjuri:

> "Illi huwa stabilit sewwa li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma, wieħed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji. Iż-żewġ azzjonijiet ma joqogħdux flimkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda. Kemm hu hekk, huwa miżmum b'tagħlim dottrinali li "*l'azione della risoluzione della compravendita per difetto della qualita` della cosa venduta si inquadra nella disciplina generale dell'azione di risoluzione per inadempimento. Pertanto non ogni difetto di qualita` della cosa venduta giustifica la risoluzione del contratto, la quale dev'essere, invece, esclusa nei casi di inadempienza di scarsa importanza di difetto di qualita` tollerabile*";
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

Hekk ukoll din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża **Muscat v. Pantalleresco**, deċiża fl-20 ta' Novembru, 2009, irravviżat id-differenza reali bejn iż-żewġ azzjonijiet meta osservat li:

> "Hu orjentament gurisprudenzjali illi "meta l-kwestjoni tkun qeghda taggira ruhha fuq il-kwalita tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli, precizament ghaliex f'dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-

> venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga izda x-xerrej jippretendi illi ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih ghalih inutili" ("**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1943). Il-konsegwenza ta' dan hi l-inadempjenza tal-kuntratt fil-venditur ghaliex l-oggett minnu mibjugh ma jkunx konformi ghall-ftehim. Ara "**Lorenzo Buttigieg -vs- Henry Hirst *nomine***", Appell Civili, 16 ta' Frar, 1945."

(ara wkoll **Żammit v. JJ Scerri Co. Ltd.** deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Ottubru, 2011).

Iż-żewġ għamliet ta' azzjoni huma msejsin fuq kunċetti għal kollox differenti, u dawn iż-żewġ kawżali ma joqgħodux flimkien (ara **Azzopardi v. J.C.R. Ltd.** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċicili fil-11 ta' April, 2016, **Briffa v. Mallia** deċiża wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2002, u **Vitafoam Ltd. v. Kosmi Pharma Imports Ltd.** deċiża mill-istess Qorti fis-26 ta' Ġunju, 2003).

Din il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb u kwindi, taqbel mal-ewwel Qorti f'dan il-każ li din il-kawża ma tistax tipprosegwi.

Il-kwestjoni legali hawn involuta ma tiċċentra bl-ebda mod mal-qagħda ta' xi preġudizzju, o meno, lill-kontroparti, kif hekk donnu argumentat mis-soċjeta` appellanti. Invece, tikkonċerna l-eżami jekk is-soċjeta` attriċi setgħetx, di diritto, tipproċedi a bażi ta' żewġ kawżali differenti,

allegatament naxxenti mill-istess fatt. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma setgħetx tagħmlu.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjeta` attriċi billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta` attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df